MEMORJI



Għall-kaċċa tal-fniek. RITRATT: BAY RETRO

# Kif konna ngħaddu ż-żmien

**Joseph Scicluna** jiftakar fil-passatempi tal-antik.

Qatt ġibtu quddiem għajnejkom x'kontu tagħmlu, jew kif kontu tgħaddu l-ħin, kieku qegħdin tgħixu l-bogħod miż-żmien tal-lum, ngħidu aħna għall bidu tas-seklu dsatax?

Il-ħajja ma kinetx kif inhi llum. L-ambjent fejn wieħed jgħix meta jkun għadu żgħir, u ma min jgħix, jista jkollhom effett fuq il-ħajja tagħna, u bosta drabi jfasslu d-drawwiet tal-bniedem.

### IT-TERRAMAXKA FIT-TOROQ

Fit-toroq tal-ibliet u rħula tagħna, in-nies kienet drat tisma ġejja mill-bogħod it-terramaxka. Din kienet kaxxa tad-daqq, tidher qisha pjanu u mgħobbija fuq karettun bir-roti miġbud minn ħmara.

Sidha kien idawwar manku li kien imqabbad ma' ċilindru fuq ġewwa, bil-ponot, li meta jdur, imiss ma biċċa azzar li magħha kien ikun hemm martell idoqq kordi ta' pjanu, qniepen u strumenti oħra. Fuqha jew mal ġnub tagħha, kien ikollha figorini jew statwetti, iżommu strumenti tal-banda, li kienu jduru mal-ħoss tal-mużika li tkun ħierġa mill-kaxxa.

Kienet tkun imżejna bi bnadar u żigarelli. It-tfal il-gost tagħhom iduru madwarha, u waqt li l-mużika tkun għadejja, sidha kien idur bi plattina f'idu biex forsi idabbar xi ftit ħbub. Dawn il-kaxxi tad-daqq kienu iġibuhom minn Franza u l-Iżvizzera, u għalkemm għadda żmien, sa snin ilu konna għadna naraw waħda fit-toroq tal-Belt.

Għas-sajda ġo Għar Lapsi.
RITRATT: BAY RETRO



### NISA JILGĦABU T-TOMBLA

Fil-passat kien hawn aktar ħajja fit-toroq. Min ma kienx ikollu x'jgħamel kellu ħin biżżejjed biex jehda f'xi passatemp. In-nisa kont tarahom miġbura ma' ġenb xi bieb, jew bil-qegħda fuq l-għatba jilgħabu t-tombla. Il-logħba li kienet tintlagħab f'Napli, daħlet Malta għas-sena 1820, u ma damitx ma saret popolari. Il-każini tal-baned bdew jorganizzaw attivitajiet fejn kont issib in-nies jinġabru fi pjazza bil-qegħda mal-imwejjed u erħilhom jimmarkaw il-kartelli biż-żibeġ u buttuni.

F'xi bliet u rħula in-numri kellhom il-laqmijiet tagħhom u l-aktar magħrufa kienu it-tlettax ta' Ġuda u l-ħamsa u għoxrin il-Milied. L-ewwel darba li bdiet tintlagħab it-tombla, kien fit-Teatru Rjal, il-lum il-Manoel, waqt l-intervall tal-opra.

### ID-DELIZZJU TAT-TAJR

Dari kien hawn ħafna dillettanti itellgħu it-tajr minn fuq il-bjut. Meta t-tajra tkun għadha fil-baxx, dak li jkun kien irekkem jew jagħti skossi ma l-ispaga,u t-tajra tibda tiegħla mar-riħ sakemm tilħaq l-għoli. Fl-inħawi taż-Żejtun u Birżebbuġa, in-nies mhux tajra jsejħulha imma manuċċa.

> " *Fl-inħawi taż-Żejtun u Birżebbuġa, in-nies mhux tajra jsejħulha imma manuċċa*





Tfal jibnu kamp f'San Ġiljan.
RITRATT: ROBERT DINGLI/BAY RETRO

Ġejja mill-Isqalli '*manu uccello*' li tfisser għasfur bl-idejn. Dan il-passtemp kien aktar popolari fl-istaġun tas-sajf. Maħduma b'sengħa kbira, kien ikun hemm spettaklu sħiħ tara dawk il-gzuz ta' tajr bi lwien u għamliet differenti.

Meta tiġi biex tinħadem it-tajra, kien jitfassal id-disinn fuq il-karta u tiġi inkullata fuq qasba forma ta' qaws. Fl-imgħoddi ħafna kienu bl-imħatra ta' min tkun l-isbaħ tajra u kont tara għamliet ta' skorfini, stillel, figuri ta nisa u irġiel, armi tal-każini tal-banda u ta' xi partit politiku.

### IL-LOGĦBA TAL-BULLARI FIL-BIRGU

Din il-logħba bdiet tintlagħab fil-Birgu, għalkemm hemm min jgħid li xi nies minn naħa t'isfel tal-Belt kienu jilagħbuha qrib Sant Iermu.

Fil-Birgu, bosta żgħażagħ kif ukoll xi barklori kienu jqattgħu il-ħin jilgħabu l-bullari mal-ħajt tal-monasteru tas-sorijiet Benedittini fuq is-sur tat-toqba.

Wara nofsinhar, il-barklori kienu jinżlu it-toqba, jitilgħu fuq id-dgħajjes, jersqu lejn il-bastimenti tan-Navy u jniżżlu l-baħrin l-art. Il-logħba tixbaħ ħafna dik ta' lis-*squash* u żewġ irġiel kienu jħabbtu ballun tal-kamoxxa mal-ħajt. Kien jinżebagħ sinjal mal-ħajt xi tlett filati għoli, u min minnhom kien iħabbat il-ballun taħt is-sinjal, jew jolqot il-ballun wara li jkun mess mal-art aktar minn darba, kien jitlef punt.

Il-logħba kienet tispicca meta l-ewwel wieħed kien jitlef ħdax-il punt, u dak li jirbaħ kien jieħu xi ftit soldi li kienu joħorġu l-irġiel qabel ma tibda l-logħba.

### IN-NAMRA TAS-SAJD

Is-sajd minn dejjem kien passatemp popolari mal-Maltin. Għal-dan id-delizzju jrid ikollok il-ħin u l-paċenzja. Tkun ilek tistad għal ħin twil, kultant il-ħut imiss, mingħajr ma taqbad xejn.

Għalkemm il-lum għadek tara sajjieda, dari kont tara ħafna aktar bil-qasba f'idejhom, fuq ix-xatt, jillixkaw u jwaddbu x-xlief fil-baħar. Jieħdu gost meta jmiss, jagħtu skoss il-qasba u itellgħu xi ħuta.

Bħala lixka jużaw il-ħobż magħġun mal-ġobon jinten, kultant jitfgħu l-għalf fil-baħar ħalli l-ħut jersaq qrib is-sunnara. Kien hemm min joħorġ jistad fuq frejgatina, u minn kien jista, kien jixtri l-gambli jew dud tal-imperjal bħala lixka. Minn kien imur jagħmel il-gambli, kien ikaxkar xibka għamla ta' lembut b'nofs ark tal-ħadid, nofs il-fuq u nofs milwi l-isfel. Dawk dilettanti kienu jistadu bir-rixa għal lampuki u kavalli. Il-lum ħafna mis-sajd inqata u biex forsi jkollok ix-xorti li jmissek, trid tmur sew barra x-xtut tagħna.

### IL-KAĊĊA U NSIB U T-TROBBIJA TAD-DUD TAL-ĦARIR

Id-delizzju tal-kaċċa u nsib ilu magħna għal sekli twal, u nistgħu ngħidu li dan huwa parti mill-ħajja tagħna. Fi żmien qabel ma l-bniedem beda jrabbi l-annimali, il-kaċċa kienet il-mod biex huwa setgħa jgħajjex il-familju tiegħu.

Sa minn qabel ma waslet l-Ordni ta' San Ġwann f'pajjiżna, dan id-delizzju kien għall-klassi għolja, u meta ġew il-kavallieri, bosta granmastri kienu joħorġu għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ.

Maż-żmien in-numru ta' kaċċaturi żdied, bil-kaċċa tkun l-aktar dik għas-summien u l-gamiem. L-insib kien u għadu l-aktar għall-għasafar tal-għana. L-istudjużi f'dan il-qasam jgħidu li l-insib beda meta ġew l-Għarab f'Malta. Dan nistgħu ngħiduh peress li kliem bħal 'insib', 'mansab' u 'xibka' huma mnissla mill-ilsien għarbi. In-naħa ta' fuq ta' Malta, ngħidu aħna, Il-Pwales, il-Wied ta' San Martin u l-Wardija, kienu popolari ħafna fl-imgħoddi.

Xi wħud kienu jrabbu d-dud tal-ħarir. Dilettanti ta' dan id-delizzju kienu jqattgħu siegħat sħaħ jaraw d-dudu jinseġ il-fosdqiet tal-ħarir, u meta l-baħrija toħroġ mill-fosdqa, tbid il-bajd li kien ifaqqas is-sena ta' wara. Kien delizzju sabiħ imma ta' paċenzja, għax meta jfaqqas, wieħed ried jitmagħħom weraq tal-ħass u wara kien weraq taċ-ċawsli.

### L-GĦANA – TRADIZZJONI TAL-MALTIN

Nistgħu ngħidu li l-għana fil-passat kien aktar popolari milli huwa llum. Dari, l-għannejja kienu jiltaqgħu f'xi maħżen u erħilhom iqabblu strofa waħda wara l-oħra, akkumpanjati mid-daqq tal-kitarri. L-għana hu l-mużika tradizzjonali ta' Malta, li fil-passat kien jitkanta mill-bdiewa jew raħħala, f'kelma waħda minn nies komuni.

Hemm l-għana 'spirtu pront', l-għana fl-għoli jew 'la Bormliża' u l-'għana tal-fatt.' Kienet id-drawwa li n-nies tmur toqgħod tisma l-għana f'xi ħanut tal-inbid. Sikwit l-għannejja kienu jgħannu fuq 'spirtu pront' fejn il-kliem jivvintawh dak il-ħin stess, wieħed iwieġeb lil ta' warajh u jitfgħu botta u jinbxu lil xulxin.

Min jgħanni ikun jesprimi dak li jkun qiegħed iħoss, kemm ferħ, kemm dwejjaq, u fl-istess ħin isib kliem li jaqbel mar-rima meta ikun qiegħed ikanta. Mill-banda l-oħra, l-għana tal-fatt huwa kważi dejjem dwar storja pjuttost ta' niket, li tkun ġrat fl-imgħoddi, jew rakkont ta' xi leġġenda li tkun ilha margħufa minn ġenerazzjoni għal oħra.

L-għana tal-fatt ilu magħna għal ftit aktar minn ħames mitt sena, u l-ewwel għanja li nafu biha, *L-Għarusa tal-Mosta*, hija rakkont meta t-Torok niżlu Malta fis-sena 1526 u serqu xbejba mill Mosta waqt il-jum tat tieġ tagħha. Illum il-ġurnata l-għana tindaqq fuq il-kitarri, għalkemm fl-antik kienu jintużaw strumenti oħra fosthom it-tanbur, iż-żafżafa, iż-żaqq, iż-żummara u flejguta.

**Sorsi**


Ruben Abela, *Wirt Iż-Żejtun*, Din l-Art Ħelwa, Viġilo, April 2012

Guido Lanfranco, *Ħajjitna fl-Imgħoddi*, Wise Owl Publications, 2004

*L-Opri tas-Sajd matul iż-Żminijiet*, It-Torċa Sept 2004

Maria Cutajar, *Id-delizzju tal-kaċċa u nsib*, UOM teżi, 2015

*Ftit storja fuq it-terramaxka*, Mużajk

Joseph Scicluna, *It-Teatrin – mgħodija taż-żmien fil-passat*, It-Torċa, Awwissu 2017

Charles B Spiteri, *Tifkiriet u Xogħolijiet ta' l-Imgħoddi*, PIN publications, 2011

Fiona Vella, *Ġabriet it-Tifkiriet – Leħen il-Passat mill-Preżent*, 2014

Anthony Valletta, *Mit-Tfulija tan-Natura*, Imprint Ltd, 1983

Pawlu Zammit, *L-Introduzzjoni tat-Tombla f'Malta*, Awwissu 2017

Eric Brockman, *Last Bastion – Sketches of the Maltese Islands*, 1961

Mario Azzopardi (Ed), *Kitbiet Dwar it-Teatrin*, Malta Drama Centre, 2010 •